32004D0868

L 371/50 IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA 18.12.2004

# ID-DEĊIŻJONI Nru 29/2004 TAL-KUMITAT KONĠUNT STABBILIT TAĦT IL-FTEHIM DWAR L-GĦARFIEN REĊIPROKU BEJN IL-KOMUNITÀ EWROPEA U L-ISTATI UNITI FIR-RIGWARD TA' L-ELENKAR TA' KORP TA EVALWAZZJONI TA' KONFORMITÀ TAĦT L-ANNESS SETTORJALI DWAR IL-KOMPATIBILITÀ ELETTROMANJETIKA

**tal-5 ta' Novembru 2004**

(2004/868/KE)

IL-KUMITAT KONĠUNT,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar l-Għarfien Reċiproku bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Uniti u b' mod partikolari l-Artikoli 7 u 14;

Billi l-Kumitat Konġunt irid jieħu d-deċiżjoni li jelenka Korp ta' Evalwazzjoni ta' Konformità taħt Anness Settorali;

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

1. Il-Korp ta' Evalwazzjoni ta' Konformità fl-Anness A huwa miżjud mal-lista ta' Korpi ta' Evalwazzjoni ta' Konformità taħt il-kolonna "aċċess KE għas-suq ta' l-US" f' Taqsima V ta' l-Anness Settorali dwar Kompatibilità Elettromanjetika.

2. Il-mira speċifika ta' elenkar, f' dak li għandu x' jaqsam ma' proċeduri ta' prodotti u evalwazzjoni ta' konformità, tal-Korp ta' Evalwazzjoni ta' Konformità indikat fl-Anness A ġie miftiehem mill-Partijiet u jkun osservat minnhom.

Din id-Deċiżjoni, magħmula f' duplikat, ser tkun iffirmata minn rappreżentanti tal-Kumitat Konġunt li huma awtorizzati jaġixxu f'isem il-Partijiet għal fini ta' emendar ta' dan il-Ftehim. Din id-Deċiżjoni għandha tkun effettiva mid-data ta' l-aħħar wahda minn dawn il-firem.

Iffirmata f' Washington
fil-25 ta' Ottubru 2004.

*F'isem l-Istati Uniti ta' l-Amerika*
James C. SANFORD

Iffirmata f' Brussell
fil- 5 ta' Novembru 2004.

*F'isem il-Komunità Ewropea*
Joanna KIOUSSI

*TEHMIŻA A*

**Korp ta' Evalwazzjoni ta' Konformità KE miżjud mal-lista ta' Korpi ta' Evalwazzjoni ta' Konformità taħt il-kolonna "aċċess KE għas-suq ta' l-US" fit-Taqsima V ta' l-Anness Settorjali dwar Kompatibilità Elettromanjetika**

D.A.R.E. Consultancy BV
Vijzelmolenlaan 7
NL-3447GX Woerden
Netherlands
Tel: +31 348 430 979
Fax: +31 348 430 645